MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 47/2008

**Rikors skond l-Att dwar iz-Zwieg Kap. 255 fl-ismijiet:-**

**Gordon Zammit**

**v.**

**Jacqueline Micallef**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment wara rikors maghmul minn Gordon Zammit fit-12 ta’ Dicembru 2008 ghall-finijiet tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Permezz ta’ dana r-rikors, l-imsemmi Zammit, wara li fisser li hu u l-intimata Micallef kienu zzewgu bir-rit Kattoliku fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Giljan fis-26 ta’ Lulju 1990 u li z-zwieg taghhom kien gie annullat b’decizjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta’ Malta tat-30 ta’ Jannar 2008, liema decizjoni giet konfermata b’digriet ta’ ratifika moghti mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza ta’ l-istess Arcidjocesi fid-29 ta’ Ottubru 2008, talab li din il-Qorti *“…ai termini tal-Artikoli 25 u 26 tal-Att I tal-1995, tirratifika l-imsemmija sentenza definittiva tat-Tribunal Regjonali tal-Arcidjocesi ta’ Malta, u konsegwentement tiddikjara li z-zwieg hawn fuq indikat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.”* Ir-rikorrent talab ukoll li *“…stante n-natura konfidenzjali tas-sentenza…”* din il-Qorti tordna li d-dokumenti li huwa pprezenta jigu ssigillati a kura tar-Registratur u ma jkunux accessibbli ghall-pubbliku.

**2.** Ma’ l-imsemmi rikors gew annessi d-dokumenti soliti li jigu annessi, u li huma rikjesti bil-ligi u minn din il-Qorti, sabiex ikun hemm ir-rokonoxximent u r-registrazzjoni civili tal-imsemmi annullament, u cioe` c-certifikat taz-zwieg tar-Registru Pubbliku, kopji awtentikati taz-zewg decizjonijiet jew sentenzi tat-Tribunali msemmija, kif ukoll ic-certifikat ta’ Ezekuttivita` mahrug skond l-Artikolu 5(a) tal-Ftehim bejn is-Santa Sede u Malta, riprodott fl-Iskeda annessa mal-Kap. 255.

**3.** Id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie notifikat b’dan ir-rikors fis-16 ta’ Dicembru 2008. B’risposta pprezentata jumejn wara l-imsemmi Direttur tar-Registru Pubbliku iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni ghar-registrazzjoni msemmija basta li jkun hemm id-debita notifika tar-rikors lil Jacqueline Micallef u li din ikollha l-opportunita` li twiegeb. Effettivament Micallef giet notifikata fis-26 ta’ Jannar 2009 (l-ewwel riferta tat-13 ta’ Jannar 2009 kienet negattiva fis-sens li fl-indirizz moghti u li huwa r-residenza tal-intimata f’San Gwann, ma kien fetah hadd – in-notifika tas-26 ta’ Jannar 2009 giet in fatti effetwata, f’idejn l-

intimata, fil-hanut fejn hija tahdem fi Triq it-Torri, Tas-Sliema). Permezz ta' risposta minnha pprezentata fil-11 ta' Frar 2009 Jacqueline Micallef opponiet it-talbiet tar-rikorrent ghal tlett ragunijiet: (i) li l-Artikoli kwotati fir-rikors huma zbaljati ghax dawn l-artikoli jirreferu ghal kaz ta' digriet tal-Pontefici Ruman *super matrimonio rato et non consummato*; (ii) li din il-Qorti ma tistax "tirratifika" sentenzi tat-Tribunali Ekklesjastici jew tiddikjara null u bla effett iz-zwieg bejn il-partijiet izda tista' biss tilqa' t-talba ghar-registrazzjoni ta' decizjoni moghtija mill-imsemmija Tribunali; u (iii) li t-Tribunal f'dan il-kaz ma harisx id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 24(5)(ii) tal-Kap. 255 u *"…kwindi d-decizjoni ta' annullament m'ghandhiex tigi dikjarata ezegwibbli f'Malta u/jew registrata."*

**4.** B'digriet moghti minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar 2009 l-intimata Jacqueline Micallef giet ordnata sabiex mhux aktar tard minn ghaxart ijiem utili min-notifika lilha ta' dak l-istess digriet tispjega permezz ta' nota u b'aktar precizjoni ghala, skond hi, kien hemm l-ostakolu ravvizat fl-Artikolu 24(5)(ii) tal-Kap. 255.

**5.** Fid-9 ta' Marzu 2009 l-intimata pprezentat in-nota minnha mitluba. Permezz ta' din in-nota hija bazikament allegat li l-kawzali li fuqa kienet miexja l-kawza tal-annullament quddiem it-Tribunali Ekklesjastici inbidlu darbtejn ad insaputa taghha. In-nota tkompli hekk:

**"Minkejja li fl-imsemmi paragrafu tlieta (3)[1] jintqal li 'Respondent found no objection to this', dan effettivament gara ghax l-esponenti ma gietx avzata bil-bdil tar-raguni li fuqha kien ser jintalab l-annullament. Hawn jigi spjegat li l-esponenti la kienet prezenti ghas-seduta tat-22 ta' Settembru 2006 meta d-dubju dwar iz-zwieg gie riformulat u lanqas giet avzata jew notifikata b'tali riformulazzjoni.**

**"Inoltre fit-18 ta' Ottubru 2006 il-kawzali rega' gie riformulat sabiex mas-simulazzjoni tal-kunsens da**

[1] Hawnhekk l-intimata qed tirreferi ghall-paragrafu 3 tas-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, cioe` ghas-sentenza tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza.

**parti ta' Gordon Zammit, giet mizjuda wkoll il-kawzali ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga min-naha taz-zewg partijiet. Anke f'dan il-kaz, din ir-riformulazzjoni saret ad insaputa tal-esponenti.**

**"Illi fil-fatt, wara s-seduta tal-10 ta' Mejju 2003 (cioe` l-ewwel seduta tat-Tribunal), l-esponenti dehret biss sabiex taghti x-xiehda, li minghaliha kellha tkun diretta fuq il-kawzali originali…kawzali li effettivament anqas biss kienet ghadha tezisti minhabba r-riformulazzjonijiet sussegwenti.**

**"Illi certament dak suespost ippregudika serjament lill-esponenti milli tressaq difiza xierqa kontra l-allegazzjonijiet ta' zewgha ghaliex ix-xhieda u difiza taghha kienu biss immirati biex jikkontestaw kawzali ta' annullament li ma kienx jezisti izjed u mhux biex jikkontestaw kawzali godda u differenti li qatt ma ngabu a konoxxenza taghha."**

**6.** Wara din in-nota, il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-21 ta' April 2009. Wara rikors ta' Gordon Zammit ghal differiment minhabba li l-avukat tieghu kien ser ikun imsiefer (fol. 65), is-smigh beda fil-5 ta' Mejju 2009, meta xehdet Jacqueline Micallef, u kompla fl-udjenzi tad-19 ta' Mejju u 2 ta' Gunju 2009, f'liema zewg udjenzi ddeponiet il-Kancellier tat-Tribunal Ekklesjatiku Joanna Camilleri u (fl-udjenza tat-2 ta' Gunju) regghet iddeponiet l-intimata Micallef.

**7.** Kif inhu risaput, u kif jirrizulta wkoll mill-gurisprudenza ta' din il-Qorti – issir referenza, a skans ta' ripetizzjoni, ghas-segwenti provvedimenti: **Patrick Calleja v. L-Avukat Dott. Tonio Azzopardi et noe** moghti fit-8 ta' Novembru 2004, u **Helen Meli Attard v. Joseph Mary Attard** moghti fis-16 ta' Jannar 2006 – il-funzjoni ta' din il-Qorti hi limitata sabiex taccerta jekk jezistux il-htigiet tal-Kap. 255 sabiex tkun tista' ssir ir-registrazzjoni mitluba, cioe` r-registrazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' nullita` ta' zwieg

moghtija minn Tribunal Ekklesjastiku[2]. Fost dawn il-htigiet hemm dawk elenkati fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 24, inkluza l-htiega msemmija fis-subaparagrafu (ii), liema subparagrafu qed jigi invokat mill-intimata Micallef fin-nota taghha aktar 'il fuq imsemmija tad-9 ta' Marzu 2009. Issa, meta l-ligi taghna tghid, anzi tezigi, li l-partijiet quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku jridu jkunu "…tgharrfu sew bid-dritt taghhom ta' azzjoni u ta' difiza b'mod sostanzjalment mhux differenti mill-principji tal-Kostituzzjoni ta' Malta", l-istess ligi ma hi qed tghid xejn aktar milli li ghandu jigi assigurat lill-partijiet quddiem it-Tribunal "smigh xieraq" b'mod sostanzjalment simili ghal dak li jinghata quddiem il-Qrati ta' Malta. Kif gie mfisser fil-provvediment fl-ismijiet **Helen Meli Attard v. Joseph Mary Meli**, aktar 'il fuq imsemmi, il-kelma "sostanzjalment" fl-espressjoni "b'mod sostanzjalment mhux differenti" (li allura tfisser "b'mod sostanzjalment simili") hija importanti ghax tindika li l-ligi domestika ma tirrikjedix identita` ta' proceduri. Dak li tirrikjedi huwa li jkun hemm dawk il-mekkanizmi procedurali u ta' organizzazzjoni li fis-sustanza, mhux fid-dettal, jiggarantixxu smigh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti, inkluza dik li fid-duttrina tissejjah "equality of arms".

**8.** Ezaminati kemm is-sentenzi tat-Tribunal ezibiti mir-rikorrent mar-rikors tieghu tat-12 ta' Dicembru 2008, kif ukoll id-deposizzjonijiet imsemija, din il-Qorti hi tal-fehma li l-oggezzjoni mqajjma mill-intimata u bbazata fuq l-Artikolu 24(5)(ii) hi infondata. Jibda biex jinghad li l-fatt li, quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku, l-intimata ghazlet li ma tkunx assistita minn avukat ftit li xejn jista' jkollu relevanza ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Hija tghid li ma kienitx assistita legalment ghax ma kellix finanzi; din il-

[2] Art. 24(5)(ii) tal-Kap. 255: **"Il-Qorti ta' l-Appell tirregistra dik id-decizjoni billi taghti digriet li bih tiddikjara d-decizjoni bhala ezegwibbli f'Malta; dak id-digriet m'ghandux jinghata kemm-il darba l-Qorti ta' l-Appell ma tkunx sodisfatta illi…(ii) matul u waqt il-procedimenti quddiem it-tribunal il-partijiet tgharrfu sew bid-dritt taghhom ta' azzjoni u ta' difiza b'mod sostanzalment mhux differenti mill-principji tal-Kostituzzjoni ta' Malta…"**.
Art. 28: **"Waqt is-smiegh tar-rikors skond l-artikoli 24 u 26 il-Qorti ta' l-Appell ma ghandhiex tidhol fil-merti tal-kaz li wasslu ghas-sentenza jew ghad-digriet li fir-rikors tkun qeghda tintalab ir-registrazzjoni taghhom izda l-qorti ghandha tillimita ruhha sabiex taccerta jekk jezistux il-htigiet ta' dan l-Att sabiex tkun tista' ssir ir-registrazzjoni mitluba."**

Qorti, pero`, tosserva li hija kellha certament finanzi bizzejjed biex tqabbad avukat biex jassistiha fil-kawza ta' separazzjoni civili. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-intimata Micallef, bhala persuna li kienet tahdem, setghet, kieku riedet, tqabbad avukat biex imqar jaghtiha parir fuq punti procedurali li talvolta setghu jqumu – kif effettivament qamu – matul is-smigh tal-kawza quddiem it-Tribunal. Mill-kumpless tad-deposizzjoni tal-intimata moghtija fil-5 ta' Mejju 2009 – deposizzjoni punteggjata b'affermazzjonijiet li hija ma tiftakarx dati u cirkostanzi partikoli – din il-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzzjoni li hija kienet ghazlet li taghti importanza sekondarja lill-kawza li kien hemm ghaddejja quddiem it-Tribunal, probabbilment ghax, kif tafferma, hija kienet tkun "busy" fuq ix-xoghol. Mistoqsija in kontro-ezami jekk hi qattx talbet, meta kienu qed jingabru l-provi quddiem it-Tribunal, biex tmur tara l-atti, l-intimata wiegbet fin-negattiv.

**9.** Kwantu ghar-riformulazzjoni tad-dubju jew *litis contestatio* – cioe` tal-"kawzali", biex wiehed juza t-termini li nuzaw fil-kawzi civili – jibda biex jinghad li l-intimata mhix korretta meta tghid, fin-nota taghha tad-9 ta' Marzu 2009, li kien hemm zewg riformulazzjonijiet tad-dubju. Mis-sentenzi tat-Tribunal ezibiti, kif ukoll mid-deposizzjoni tal-Kancellier Joanna Camilleri jirrizulta li originarjament il-petizzjoni ta' Gordon Zammit kienet issemmi, bhala kawzali ghall-annullament, is-simulazzjoni da parti tal-mara u/jew l-inabilita` taghha li tassumi l-oneri matrimonjali. Pero` fl-udjenza tal-*litis contestatio* li nzammet fl-10 ta' Mejju 2003 u li ghaliha l-intimata Micallef kienet prezenti, id-dubju gie formulat hekk: *an constet de nullitate matrimonii in casu ob simulationem totalem ex parte actoris*. Wara li d-dubju gie formulat hekk, kien hemm okkazjoni wahda biss meta dana l-istess dubju gie riformulat. Waqt li kienet qed tixhed l-istess intimata Micallef fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2006, l-avukata tar-ragel talbet li ssir riformulazzjoni. F'dik l-istess udjenza – u evidentement minghajr ma hadet ebda parir legali u minghajr anqas ma talbet li tinghata zmien biex tiehu tali parir – l-intimata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni ghal tali riformulazzjoni. B'digriet tat-18 ta'

Ottubru 2006 – li kopja tieghu giet ezibita mill-imsemmija Kancellier[3] – il-Vigarju Gudizzjali laqgha t-talba. Dan id-digriet, li huwa wkoll riportat (ghalkemm fil-qosor) kemm fil-paragrafu 9 tas-sentenza tat-30 ta' Jannar 2008 kif ukoll fil-pargarfu 3 tas-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2008, jghid testwalment hekk:

**"The Judicial Vicar sitting in the Tribunal Hall on Wednesday, 18th October 2006, the undersigned Notary being present. After having considered Petitioner's Advocate's request during the session held on the 22nd September 2006 (cfr Session XII, Question 45); Considering that Respondent found no objection (cfr Session XII, Question 45); After having heard the Deputy Defender of the Bond; Decrees that the joinder of the issue be thus reformulated: *'An constet de nullitate matrimonii in casu ob defectum discretionis iudicii ex utraque parte et subordinate ob simulationem totalem ex parte viri actoris'*. [Translation: Whether this marriage can be declared null because of lack of due discretion of judgement on the part of both parties and subordinately due to total similation on the part of the petitioner. ] This decree is to be communicated to all concerned."**

Jirrizulta wkoll li kopja tad-dubju kif hekk riformulat, ossia kopja ta' dan id-digriet, intbaghat bil-posta kemm lill-"petitioner" Gordon Zammit kif ukoll lill-intimata Micallef – ara Dok. JC2 u JC3, fol. 88 u 89. Din il-Qorti tosserva in partikolari li ghalkemm fin-nota taghha tad-9 ta' Marzu 2009 l-intimata tghid li hija ma kienitx prezenti ghas-seduta tat-22 ta' Settembru 2006, fid-deposizzjoni taghha tat-2 ta' Gunju 2009 biddlet il-versjoni, u filwaqt li issa ammettiet li kienet prezenti ghas-seduta tat-22 ta' Settembru 2006 ippruvat taghti x'tifhem li hi ma kienitx giet mistoqsija jekk ghandhiex oggezzjoni ghar-riformulazzjoni – ara fol. 95 *tergo*.

[3] Dok. JC1, fol. 87.

**10.** Minn dana kollu din il-Qorti hi sodisfatta mhux biss li t-Tribunal mexa skond il-Kanone 1514[4], izda li l-intimata kellha u inghatat kull possibilita` biex tkun taf kif id-dubju kien gie riformulat – u, kif inghad, riformulat darba biss u mhux darbtejn, kif allegat – biex b'hekk tkun tista' tressaq provi biex tirribatti il-kawzali l-gdida. Apparti li, kif inghad, jirrizulta li l-intimata ma oggezzjonatx ghar-riformulazzjoni, jekk hija ma haditx hsieb li taqra sew dak li kien gie komunikat lilha, jew li tiehu parir legali, *imputet sibi*.

**11.** Kwantu ghall-ewwel zewg oggezzjonijiet migjuba mill-intimata fir-risposta taghha tal-11 ta' Frar 2009 – u cioe` (i) li l-Artikoli kwotati fir-rikors huma zbaljati ghax dawn l-artikoli jirreferu ghal kaz ta' digriet tal-Pontefici Ruman *super matrimonio rato et non consummato* u (ii) li din il-Qorti ma tistax "tirratifika" sentenzi tat-Tribunali Ekklesjastici jew tiddikjara null u bla effett iz-zwieg bejn il-partijiet izda tista' biss tilqa' t-talba ghar-registrazzjoni ta' decizjoni moghtija mill-imsemmija Tribunali – dawn l-oggezzjonijiet huma fondamentalment frivoli. Mill-korp tar-rikors tat-12 ta' Dicembru 2008 huwa evidenti li l-artikoli relevanti tal-Kap. 255 huma l-Artikoli 23 u 24 (u mhux 25 u 26 imsemmija fir-rikors promotorju), daqs kemm huwa wkoll evidenti li dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa r-rikonoxximent u r-registrazzjoni tas-sentenza definittiva tat-Tribunal kif normalment isir u jintalab f'kazijiet simili. Din il-Qorti, kif dejjem ghamlet f'kazijiet simili, tmur ghas-sustanza u ma toqghodx tintilef f'dawn l-izbalji evidenti ta' redazzjoni tar-rikors, specjalment meta tali zbalji ma jwasslux ghal xi nullita` komminata mil-ligi.

**12.** L-unika talba li din il-Qorti mhix ser tilqa' ghax ir-regola hi li l-atti taghha huma pubblici, hija dik li d-dokumenti jigu ssigillati u li ma jkunux accessibbli ghall-pubbliku. Mill-bqija din il-Qorti hi sodisfatta li ma jezisti ebda ostakolu ghall-ezekuzzjoni tad-decizjonijiet tat-Tribunal Ekklesjastiku kif mitlub mir-rikorrent Gordon Zammit.

---

[4] Can. 1514: **Controversiae termini semel statuti mutari valide nequeunt, nisi novo decreto, ex gravi causa, ad instantiam partis et auditis reliquis partibus earumque rationibus perpensis**.

**13.** Ghall-dawn ir-ragunijiet, prevja r-rigett tal-oggezzjonijiet imqajjma mill-intimata Jacqueline Micallef, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra kif imiss id-decizjoni definittiva tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tad-29 ta’ Ottubru 2008 (Prot. N. 08/37) li kkonfermat decizjoni precedenti tat-Tribunal Metropolitan tal-Arcidiocesi ta’ Malta tat-30 ta’ Jannar 2008 (Prot. N. 03/043) li ddikjarat null iz-zwieg bejn Gordon Zammit u Jacqueline Micallef celebrat fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Giljan fis-26 ta’ Lulju 1990, u dan skond ma jipprovdu l-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iz-Zwieg, Kap. 255. Tichad, pero`, it-talba sabiex id-dokumenti jigu ssigillati u ma jkunux accessibbli ghall-pubbliku. Spejjez, jekk hemm, ta’ dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti ghandhom jigu sopportati mill-intimata Jacqueline Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------